MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 58/2022**

**Il-Ġimgħa, 23 ta' Settembru 2022**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fid-9.30 ta' filgħodu.

**PREŻENTI:**

Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

**ASSENTI:**

Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**
Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Dott. Marlene Cini.

### 58.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

58.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji. Il-Kunsillier Nicky Saliba kien assenti mingħajr apoloġija.

Il-Viċi Sindku, Sandra Grech infurmat lil membri li kienet ser tasal tard għal laqgħa.

### 58.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

58.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 57/2022 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

58.2.2 Is-Sindku talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

58.2.3 Ma' kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

58.2.4 Is-Sindku talbet għall-approvazzjoni tal-minuti nru 57/2022 u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 58.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

58.3.1 Is-Sindku, Dott Marlene Cini bdiet billi offriet il-kondoljanzi tagħha lil Viċi Arċipriet għal mewt ta' ommu. Il-membri qablu li minflok fjuri jintbgħat cekk ta' €25 lil MCCF u dan fuq xewqa tal-familja stess.

58.3.2 Is-Sindku, infurmat lil membri li nhar il-Ħadd, 2 t'Ottubru mid-9am 'il quddiem se jsir il-*motor show* imtella' bil-għan li jinġabru fondi għal Puttinu Cares. Kompliet tgħid li ser isir ukoll it-tberik ta' l-annimali fejn ukoll tingħata tifkira ta' l-okkażżjoni. Qalet ukoll li wara talba li għamel il-Kunsill għal fondi kulturali, inġibet is-

somma ta' €500. Proponiet u l-membri qablu li l-kumplament ta' l-ispejjes ikoprihom il-Kunsill bħal kull sena peress li dawn ser imorru għal Puttinu Cares.

58.3.3 Rigward il-ġemellaġġ ma Lanuvio. Is-Sindku, Dott Marlene Cini infurmat lil membri preżenti li wara diskussjoni mal-Kunsill ta' Lanuvio ġie maqbul li l-eta' għal min jista' jipparteċipa titla' għal 30 sena peress li ma nstabux biżżejjed parteċipanti. Il-membri qablu li jinħareġ avviż f'dan ir-rigward.

58.3.4 Is-Sindku proponiet u l-membri qablu li ssir mawra għar-residenti għal Birgu Fest nhar is-Sibt, 8 t'Ottubru 2022 fejn jiġi provdut trasport dirett minn Għawdex għal Birgu u lura.

58.3.5 Is-Sindku nfurmat lil membri li rċeviet proposta minn resident sabiex it-Triq ta' Wara l-Knisja tissemma għal Mons. Franġisk Saliba u meta jingħata isem ġdid għal xi triq tissema għas-Sur Salvu Cefai. Il-membri qablu li għandu jsir suġġeriment lil Kumitat għall-Ismijiet tat-toroq.

58.3.6 Is-Sindku, Dott Marlene Cini proponiet u l-membri qablu sabiex tinxtara blower jew vaccum cleaner sabiex ikun jista' jsir it-tindif meħtieġ fuq ir-*rubber safety tiles* tal-Playing Field taż-Żebbuġ.

58.3.7 Is-Sindku proponiet u l-membri qablu li fl-ewwel jum ta' l-iskola, jiġifieri fit-28 ta' Settembru u fit-3 t'Ottubru jiġu mqabbda *cartoon characters* sabiex iferħu lil istudenti.

**58.4 Akkumulazzjoni ta' Vacation Leave għas-sena 2023**

58.4.1 Is-Segretarja Eżekuttiv ressqet ittra mibgħuta mill-ħaddiema tal-Kunsill rigward l-akkumulazzjoni ta' *vacation leave* għas-sena 2023. Il-membri qablu li jiġu akkumulati dawn is-siegħat:

F. Cefai – 58 siegħa
D. Azzopardi – 43.75 siegħa
S. Azzopardi – 60.75 siegħa
L. Borg – 68.75 siegħa
O. Camilleri – 104.5 siegħa

Il-membri qablu li dan għandu jiġi mġedded peress li minħabba eżiġenzi ta' xogħol, il-ħaddiema ma setgħux jieħdu leave għax il-Kunsill spiċċa b'żewġ ħaddiema nieqsa.

**58.5 Tweġibiet/Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

*Peress li l-Viċi Sindku, Sandra Grech kienet għadha ma waslitx għal laqgħa, ressaq il-punti tiegħu l-Kunsillier Daniel Cordina.*

58.5.1 Il-Kunsillier, Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:

58.5.1.1 Talab għal update tal-kisi ta' Sqaq fi Triq il-Ponta. Is-Sindku nfurmatu li l-Kuntrattur għandu jitla' b'xi tarmac biex jasfalta fejn sar il-*high tension cable* u jagħmel xi patching fi Triq San Mikiel. Kompliet tgħid li dan kellu jinbeda pero' x-xogħol ġie miżmum sakemm wieħed mis-sidien ta' proprjeta' f'dan l-isqaq jiġi mis-safar u dan minħabba l-livelli. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li importanti li l-Kunsill jibqa' jsus wara l-kuntrattur.

58.5.1.2 Propona sabiex fi Triq is-Salina jeħlu *charging pillars* għal vetturi elettriċi peress li f'dik it-triq hemm tlett residenti li għandhom karozza elettrika u propona li dawn għandhom jeħlu n-naħħa tar-raba'. Il-membri qablu li ssir talba lil Ministeru għal Ambjent f'dan ir-rigward.

58.5.1.3 Staqsa rigward il-presepju li kien ġie maqbul li jintrama' fi Pjazza l-Assunta. Is-Sindku nfurmatu li l-Kunsill talab għal kwotazzjoni f'dan ir-rigward.

58.5.1.4 Talab sabiex issir bankina fi Triq is-Sagħtrija fejn qal li fil-passat kien hemm bankina pero inqalgħet sabiex is-sid ikun jista' jgħaddi s-servizzi minn taħta. Kompla jgħid li dan qala l-bankina peress li l-ilma kien ġej kollu għal ġol garaxxijiet tiegħu. Is-Sindku proponiet li issir talba mal-Gozo LC Works peress li hi bankina ġdida. Hawn il-Kunsillier Cordina qal li importanti li din issir malajr kemm jista' jkun peress li s-sid qed jimtela' bl-ilma. Il-membri qablu li ssir talba lil Gozo LC Works sabiex tingħata l-kurduna, iwaħħalha l-ħaddiem tal-Kunsill sabiex ma jinteliex bl-ilma u wara l-bankina titkompla mill-Ministeru għal Għawdex u għalhekk issir talba mal-Gozo LC Works.

*Il-Viċi Sindku, Sandra Grech daħlet fil-kamra fil-10.05 ta' filgħodu.*

58.5.1.5 Il-Kunsillier Daniel Cordina propona sabiex l-ewwel jinqata' l-ħaxix minn passaġġ fi Triq Oniċi u wara li s-sid ta' l-għalqa jgħaddi trinka tad-dawl jsir 3 pulzieri konkos. Is-Sindku, Dott Marlene Cini qalet li l-Kunsill ma jistax jiddeċiedi mingħajr ma jara fuq il-post u l-Kunsill jivverifika jekk dan il-passaġġ hux privat. Il-Kunsillier Cordina qal li hu qatt ma ressaq proposti sabiex isiru xogħlijiet fil-privat. Il-Kunsillier Baskal Saliba żied jgħid li ma hemmx spejjes kbar u jekk mhux fil-privat għandha ssir. Il-membri qablu li għandha ssir *site inspection* u jaraw xi spejjes hemm. Qablu li wara li jiġi vverifikat kollox u l-ispejjes m'humiex kbar din għandha ssir.

58.5.1.6 Talab sabiex il-Kunsill jara kif ser isolvi l-problema ta' l-ilma tax-xita ta' Triq il-Ponta jiġifieri fuq is-sitwazzjoni li l-Kunsill deher fuqha quddiem il-Bord tal-Governanza. Qal li għandu jsir *water culvert* jew ilqugħ għal ġol *culvert* eżistenti peress li din is-sitwazzjoni ilha titwal għal iktar minn għaxar snin u ra b'għajnejh stess l-ħsara li qed iġarrab ir-resident meta tkun ħafna xita. Kompla jgħid li ma għandux ibati l-konsegwenzi r-resident. Is-Sindku qalet li fuq din il-materja kien hemm diġa deċiżjoni mill-Bord tal-Governanza u għalhekk proponiet li jiġi l-Perit tal-Kunsill fuq il-post. Il-Kunsillier Daniel Cordina sostna li hu jrid ikun preżenti.

58.5.1.7 Staqsa jekk il-bankini bdewx peress li hemm lista' twila ta' bankini li ilha tinġema snin. Is-Segretarja Eżekuttiv infurmatu illi l-Kunsill għandu kont tal-bankini ta' madwar €47,000 pero' għadu jrid jiġi ċċertifikat mill-Perit. Staqsa min ta struzzjonijiet biex isiru l-bankini u din weġbitu li dawn il-bankinu saru fuq struzzjonijiet tas-Sindku preċedenti. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li fl-ebda ħin hi ma bgħatet korrispondenza mill-Kunsill sabiex isiru l-bankini u qalet li l-bankini kienu jitressqu waqt il-laqgħa pero' jkun hemm qbil li jitpoġġew fuq il-lista'. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li affarjiet bħal dawn mhumiex aċċettabli għax hu bil-paċenzja kollha ilu jistenna li jsiru l-bankini li jkun talab u imbagħad tiġi persuna u tinqeda' mill-llum għal għada. Il-Kunsillier Cordina kompla jgħid li hu għandu ħafna bankini li kienu fil-lista u qatt ma

saru u li ma kinx ġust li nqabżu ċertu residenti. Wara diskussjoni taħraq f'dan ir-rigward, is-Sindku Dott Marlene Cini talbitu sabiex jara l-kontijiet sew sabiex ikun jista' jivverifika.

58.5.1.8 Rigward ir-rampa ta' Triq is-Sagħtrija, ġiet preżenta kwotazzjoni għal bini ta' din li tammonta għal €3,670. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li jaqbel li ssir skond l-istima. Is-Sindku spjegat li qabel ma jsir xi xogħol irid jiġi verifikat li din ser issir fil-pubbliku u mhux fi proprjeta' privata għax jekk tkun ser issir fil-privat hi ma taqbilx li ssir. Is-Segretarju Eżekuttiv sottomettiet pjanta maħruġa mill-Lands Authority u infurmat lil membri li l-Perit tal-Kunsill qalilhom li tal-gvern hu sa fejn immarkat bl-aħmar. Kompliet tgħid li l-Perit qal li l-ħxuna tal-ħajt hu r-*retaining wall* biex iżomm it-triq u jekk jinqala' tista' taqa' it-triq. Is-Sindku Dott Marlene Cini sostniet li rampi simili saru talbiet fuq il-Gozo LC Works. Il-Kunsillier Cordina sostna li din ser tkun qed issir fil-pubbliku peress li ser issir il-barra mill-għalqa. Il-Kunsillier Cordina staqsa wkoll kif meta nbnew il-ħitan tas-sejjiegħ f'din it-triq dan ir-resident inqabeż u żied jgħid li saru rampi simili aktar l-isfel. Is-Sindku sostniet li dan ir-resident ilu li talab din it-talba meta l-Kunsill kien jitmexxa mis-Sindku preċedenti iżda qatt ma saret u issa qed issostnu sabiex issir malajr. Il-membri qablu li din ir-rampa ssir. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmathom li bħalissa l-Kunsill m'għandux fondi sabiex isir xogħol li ma jkunx urġenti peress l-Kunsill għadu ma ġabarx il-fondi li ħareġ biex ħallas biċċa mill-Kuntratturi taż-Żebbuġ Playing Field mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Staqsiet jekk il-Kuntrattur hux lest li jagħmel ix-xogħol u jitħallas meta jidħlu l-fondi. Il-Kunsillier Daniel Cordina sostna li qed iħoss li l-proposti tiegħu u ta' Baskal Saliba qatt ma jsiru. Il-Kunsillier Baskal Saliba qal li jekk tħares lejn l-iskeda ta' pagamenti tinnota li xejn ma hemm pagamenti għal xogħlijiet li jitolbu huma.

58.5.1.9 Il-Kunsillier Daniel Cordina talab sabiex issir talba lil Transport Malta għal *traffic management* fl-inħawi ta' Triq Skappuċċina. Il-membri qablu li tintbgħat talba lil Transport Malta.

58.5.2 Il-Viċi Sindku, Sandra Grech ressqet dawn il-punti:

58.5.2.1 Talbet sabiex issir talba fuq il-Gozo LC Work sabiex isir il-patching neċessarju fi Triq Manuel Magro. Il-membri qablu.

58.5.2.2 Talbet sabiex jiġi infurmat Transport Malta biex Triq il-Qbajjar ma tibqax *one way* mill-1 t'Ottubru. Il-Kunsillier Daniel Cordina ddikjara li hu ma jaqbilx u jaqbel li għandha tibqa' *one way* bħal ma tkun fis-Sajf.

58.5.2.3 Il-Viċi Sindku talbet sabiex tinbidel it-tabella li tkissret biex ma jintremiex żibel fir-*roundabout* ta' Triq il-Qbajjar viċin fejn kien hemm il-Furketta Rest. Talbet ukoll sabiex jeħlu t-tabelli ta' l-iskeda tax-Xitwa madwar Marsalforn.

58.5.2.4 Talbet sabiex isir *repainting* taż-żebra crossing ta' Triq il-Qbajjar. Il-membri qablu li ssir talba lil Gozo LC Works.

58.5.3 Il-Kunsillier Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:

58.5.3.1 Propona sabiex is-sidien tal-bastimenti MFA u MFB li jkollhom liċenzja ta' sajjieda u liċenzja biex ibiegħu jitħallew jipparkjaw il-karozzi tagħhom fil-Menqa (taħt il-ħajt qrib il-latrini pubbliċi). Is-Sindku nfurmatu li din il-materja kien hemm diġa qbil fuqha ma Transport Malta biex dawn isiru. Il-Kunsillier Daniel Cordina żied jgħid li s-sajjieda għandhom tinħarġilhom tag mid-Dipartiment tal-Sajd u mhux mill-Kunsill.

58.5.3.2 Staqsa rigward l-isqaq bejn Triq il-Kaċċaturi u Triq Għajn Mhelhel. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li fi żmien is-Sindku preċedenti il-Perit kien bgħat BOQ u l-Kunsill kien qabel li ma jsirx peress li kienet għolja. Il-Kunsillier Baskal Saliba qal li dan huwa passaġġ dejjaq u bl-ilma r-residenti ma jkunux jistgħu jgħaddu peress li l-aċċess hu biss bir-riġel. Kompla jgħid li fuq ġewwa inbniet blokka appartamenti u għalhekk żdiedu r-residenti f'din it-triq. Kien hemm qbil fost il-membri sabiex il-Perit jiġi fuq il-post forsi ssir b'mod li ma tiġix ħafna flus u tiġi pavimentata b'materjal ieħor.

58.5.3.3 Staqsa kif baqa' l-Kunsill fuq l-Iskola Primarja u jekk il-Kunsill jafx ħarġux il-permessi neċessarji. Is-Sindku Dott. Marlene Cini nfurmatu illi saret talba minn naħa tal-Kunsill sabiex issir laqgħa pero' il-Kunsill għadu bla risposta.

## 58.6 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

58.6.1 Korrispondenza rigward PA/07553/21 mibgħuta mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Il-kontenut ġie nnotat.

58.6.2 Talba mingħand resident sabiex issir talba lil Transport Malta sabiex il-parti ta' fuq minn Triq l-Għażżiela ssir *two way.* Dan minħabba l-fatt li vetturi ħerġin minn Triq Skapuċċini biex imorru lejn Triq Madonna taċ-Ċiċċri qed ikollhom iduru mill-Pjazza. Qed jiġri li ħafna qed jieħdu l-liġi b'idejhom u jaqbdu u jgħaddu 'l fuq minn Triq Skapuċċina għal Triq il-Madonna taċ-Ċiċċri. Il-Kunsillier Baskal Saliba qal li hu ma jaqbilx ma din it-talba peress li hi triq dejqa u meta kienet 2 *way* ġieli saru xi inċidenti. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li darba kienet 2 *way.* Is-Sindku proponiet u l-membri qablu li minħabba sigurta issir talba lil Transport Malta.

58.6.3 Talba minn resident sabiex titpoġġa stop/give way sign fi Triq ta' Ċenċ kantuniera ma Triq il-Knisja. Il-membri qablu. L-istess resident talab sabiex Triq Skappuċċina lejn il-Playing Field tal-Virtut issir one way. Il-membri qablu diġa f'materja preċedenti li jsir *traffic management.*

58.6.4 Korrispondenza minn Transport Malta għal talba għal parkeġġ riservat għal persuni b'diżabilita fi Triq Għar Qawqla. Il-kontenut ġie nnotat.

58.6.5 Is-Seg. Eżekuttiv ressqet korrispondenza mill-Assoċ. tal-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat li la s-sejħa fuq il-gażżetta tal-gvern rigward l-ingaġġ ta' Asst Prinċipal ikun għalaq ma tistax toħroġ sejħa fuq il-medja soċjali tal-Kunsill b'data differenti. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jistenna li tinbidel il-liġi rigward ir-rekwiżiti sabiex jerġa joħroġ is-sejħa.

58.6.6 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-offerta għal servizz ta' Perit għalqet. Il-membri qablu li għandha tinħareġ offerta oħra

għal servizz ta' Perit u Enġineer. Is-Sindku proponiet li l-membri tal-Bord ta' l-Evalwazzjoni għandu jkun kompost mis-Sur W. Sultana (Chairman), O. Camilleri (Segretarju), D. Galea, Av. Magrin u M.Sultana. Il-membri qablu

58.6.7 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-korsijiet tal-Lifelong Learning ser jibdew is-Sibt, 8 t'Ottubru – Sewing basics. Infurmathom li l-ħinijiet ser ikunu mid-9am sa nofsinhar. Il-membri qablu li għandhom jiġu nfurmati li dawn iridu jsiru mit-8am sal-11am waqt il-ħinijiet tal-ftuħ ta' l-uffiċċju.

58.6.8 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li ħarġet offerta' nru ZGLC/05/2022 – Supply and Installation of Playing Equipment and safe surfaces for Qbajjar Promenade – West End, including Paving and Related Works. Il-membri qablu li l-Evaluation Bord għandu jkun magħmul mill-Av. Magrin, Eng. M. Cauchi u l-Perit tal-Kunsill waqt li c-Chairman ikun W. Sultana.

58.6.9 Talba mingħand resident fi Triq il-Ponta fejn infurmat lil membri li peress li t-triq maqluba għal fuqha qed timtela' bl-ilma u ma tkunx tista' tidħol id-dar meta tagħmel ix-xita. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li kien hemm li għal vot wedgħa li ssir. Kompla jgħid li jsir naqra konkos sabiex l-ilma ma jiġix kollu fuqha. Is-Sindku, Dott Marlene Cini qalet li għandha ssir *site inspection* mill-Perit.

58.6.10 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Bye Law ta' Marsalforn għaddiet u ser jiġu ffirmati mis-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv sabiex jitkompla miexi l-proċess ta' implimentazzjoni.

58.6.11 Talba mingħand resident sabiex titranġa il-grada tal-ħadid fi Triq Għajn Mhelhel. Il-Kunsillier Daniel Cordina sostna li jekk hija perikoluża għandha titranġa mill-aktar fis possibli. Il-membri qablu li din għandha titranġa.

58.6.12 Talba mingħand resident sabiex isiru double yellow lines faċċata tad-dar tiegħu fi Triq Skapuċċina peress li ma jkunx jista' joħroġ mill-garaxx. Il-membri qablu li qabel għandu jinġab il-permess tar-resident tal-faċċata u wara tgħaddi għand Transport Malta.

58.6.13 Talba mingħand resident fi Triq il-Ponta fejn talbet sabiex isiru double yellow lines quddiem il-bieb tagħha biss peress li qed jipparkjaw vetturi kbar u jagħlqulha l-aċċess. Il-membri qablu li dan isir wara li jinġab il-permess ta' Transport Malta peress li m'għandhiex bankina.

58.6.14 Ilment Nru 59/22
Sabiex isir double yellow line mar-roundabout fi Triq il-Qbajjar peress li qed ilaqtu l-kontravenzjonijiet.
Il-membri qablu li ssir talba lil Transport Malta sabiex isiru double yellow lines fil-kantunieri u jinżebgħu l-kaxxi tal-parkeġġ.

**58.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Skeda ta' Pagamenti**

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 38/2022 għall-perjodu ta' Settembru 2022 li tammonta għal €70,659.62 ġiet approvata mill-membri preżenti.

**58.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-11.30 ta' filgħodu. Il-membri qablu li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss issir nhar il-Ħamis, 27 t'Ottubru 2022 fid-9.00 ta' filgħodu.

Dott. Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv